MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 463/2006

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Anthony Pandolfino I.D. 579943 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Mejju 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u disgha u disghin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm399.37), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjes.

Ra li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2006 deher il-konvenut Anthony Pandolfino u kkonferma, u ammetta illi l-ammont ta' tliet mija u disgha u disghin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm399.37) huwa dovut minnu lis-socjeta`

attrici, izda li prezentement ma ghandux il-mezzi sabiex ihallas dan l-ammont;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni fuq l-ammissjoni ta’ l-istess konvenut;

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tliet mija u disgha u disghin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm399.37), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------